TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/177/15/S

Mario u Julie Zammit
Vs
Time International Limited

Illum 21 ta'Jannar,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta'Mario u Julie konjugi Zammitipprezentata fl-24 ta'Settembru,2015 filwaqt li s-socjeta Time International Limited, ghalkemm debitament notifikata, baqghet la pprezentat risposta u lanqas deheret biex tikkontesta t-talba rikorrenti;

Ra d-dokumenti pprezentati u sema' lir-rikorrenti Mario Zammit;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda zarbun tal-futbol li wara xaghrejn, infetah fil-ponta tieghu;

Illi jinghad mal-ewwel li s-socjeta intimata naqset milli twiegeb ghat-talba ta' Mario u Julie konjugi Zammit u lanqas deher xi rapprezentant tal-istess socjeta ghas-seduti li saru;

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjoni wahda u cioe dik ta' Mario Zammit li ma gietx kontradetta bl-ebda mod mis-socjeta intimata;

Illi n-nuqqas ta' dehra tas-socjeta intimata ma jfissirx li dan it-Tribunal m'ghandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu gustifikat;

Illi r-rikorrenti xehed li z-zarbun tal-futbol sewa' €62 u binhom lahaq uzah ghal xaghrejn shah, darbtejn fil-gimgha meta jkollu t-'training';

Illi dan l-uzu daparti ta' iben ir-rikorrenti qed jittiehed in kunsiderazzjoni fid-decizjoni msemmija iktar 'il quddiem;

Illi r-rikorrenti kkonferma li dan iz-zarbun tal-futbol hu maghmul mid-drapp u l-konjugi Zammit setghu jimmaginaw li tali materjal ma jiflahx daqs materjali ohra;

Illi min-naha l-ohra s-socjeta intimata ma deheritx biex titfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex taghti l-verzjoni taghha;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' *in parte* t-talba ta' Mario u Julie konjugi Zammit u Jordna lis-socjeta Time International Limited thallas lil Mario u Julie konjugi Zammit is-somma ta' €31 stabbilita *ex aequo et bono*, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mis-socjeta intimata Time International Limited.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070